**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-07

It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Kunsill Lokali Paola

**07.01** **Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

07.01.01 Is-SE informa li l-Viċi Sindku kien informa li ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet familjari. Il-Kunsillieri approvaw li l-Viċi Sindku għandu jitqies bħala skużat.

**07.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nri. 09/06**

07.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/06 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati unanimament. Il-Kunsilliera Agius Attard ipproponiet filwaqt li l-Kunsillier Lynch issekonda.

**07.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.03.01 Is-Sindku informa li konna rċivejna talba mingħand l-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan Banda Paola sabiex tarma 4 *upright banners* fil-Pjazza quddiem il-Knisja. Huwa rrakomanda li din it-talba għandha tiġi milqugħa u l-Kunsill qabel unanimament.

07.03.02 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li għaddew kellu laqgħa ma uffiċjal mill-MCAST rigward ir-restawr tan-niċċa tal-Qalb ta' Ġesù fejn kien hemm qbil li din tiġi restawrata u fil-fatt din l-istatwa diġà tneħħiet minn postha sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuqha. Huwa qal ukoll li kienet ġiet identifikata niċċa oħra, dik tal-Kunċizzjoni fi Triq it-Tarzna u anke din ser tiġi restawrata mill-istudenti tal-MCAST. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex studenti oħra tal-MCAST jagħmlu xogħol fuq il-ħajt ta' taħt il-*flats* fejn is-Suq u dwar dan kien hemm qbil unanimu kif ukoll kien hemm qbil li ladarba jitlesta dan il-ħajt, nitolbu lil dawn l-istudenti sabiex jaħdmu fuq il-ħajt ta' wara tal-Knisja ta' Santa Ubaldeska. Għal dan ix-xogħol kollu, l-Kunsill ser iħallas biss tal-materjal użat.

07.03.03 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri fil-laqgħa li ser issir għada mal-Pulizija nkluż is-Supretendent u ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jattendu.

07.03.04 Is-Sindku fakkar li l-laqgħa mal-ERA, Wasteserv u uffiċjali tas-Saħħa dwar l-irwejjaħ kienet ser issir nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru u anke hawn ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jattendu.

07.03.05 Rigward il-funtani tal-Pjazza s-Sindku nforma li kienu ġew uffiċjali mill-AFS li kienu nstallaw l-istess funtani iżda peress li bokok kienu mimlija bl-ilma dawn ma setgħux jagħtu stima tax-xogħol li hemm bżonn. Fil-frattemp dawn tbattlu iżda sa issa l-uffiċjali ma kienux reġgħu ġew u għalhekk kien hemm qbil li tinbgħat tfakkira.

07.03.06 Is-Sindku issuġġerixxa li jiżdiedu s-CCTV li hemm mal-binja tal-Kunsill sabiex kull parti tkun koperta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u s-SE intalab sabiex jieħu ħsieb jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji.

07.03.07 Is-Sindku nforma li fit-18 ta' Novembru l-persuna li tagħmel l-attivitajiet tal-anzjani ma tistax tattendi u minflok kienu ser issir taħdita dwar is-Saħħa Mentali.

07.03.08 Is-Sindku nforma li nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru l-anzjani kienu ser jagħmlu attività tal-*Pink October* u ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jattendu.

07.03.09 Is-Sindku nforma li fuq talba tiegħu l-Kunsilliera Piccinino kienet ħadmet fuq ħarġa fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Martin u din ser issir l-Erbgħa 6 ta' Novembru fejn ser issir quddiesa fl-għar ta' San Martin, dawra bit-trejn ġewwa r-Rabat u l-Imtarfa, żjara fil-Villa Rumana kif ukoll l-ikla ta' nofsinhar f'ristorant viċin.

07.03.10 Rigward l-attivitajiet għax-xahar ta' Diċembru s-Sindku ssuġġerixxa li l-ikla tal-istaff tinżamm fl-20 ta' Diċembru filwaqt li l-għada s-Sibt 21 isir *Dinner Dance*. Kien hemm qbil ukoll li tinstab ġurnata sabiex isir it-tqassim tar-rigali minn Santa Klaws. Ġie deċiż ukoll li fid-9 ta' Diċembru ssir il-Laqgħa tal-Lokalita' dwar l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025 filwaqt li l-laqgħa tal-Kunsill tinżamm fis-16 ta' Diċembru. Dwar dan kollu kien hemm qbil unanimu.

07.03.11 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li għaddew, fuq inizjattiva tal-Kunsilliera Agius Attard kienet saret laqgħa mas-CEO tal-MTA fejn matula kien hemm qbil li l-MTA tisponsorja parti mill-attività tal-*Christmas Village* għas-somma ta' €3,000. Kien hemm qbil ukoll li l-MTA tisponsorja *brochure* dwar Paola li ser ikun b'diversi lingwi u li jitqassam fit-*Tourist Information Centres* kollha kif ukoll mappa li tindika s-siti storiċi u ta' interess ġewwa Paola. Saret diskussjoni fuq proposta tas-CEO tal-MTA sabiex flok fejn qabel kien hemm il-*Green Wall* mal-ħajt tal-ħabs, issir esebizzjoni ta' ritratti marbuta ma' Paola li tinbidel kull tant żmien. Peress li kien hemm diversi suġġerimenti dwar kif għandha tkun din l-esebizzjoni, kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa jitqajjem fil-futur.

07.03.12 Is-Sindku nforma li wieħed mill-ħaddiema tal-iskema kien irriżenja u kien ħalla xi xogħol pendenti fid-daħla tal-flats kif ukoll hemm bżonn li tissewwa bankina fi Triq Lampuka u jitkaħħal u jitbajjad il-ħajt tal-ħabs. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ *Request for Quotations* għal dawn ix-xogħlijiet.

07.03.13 Rigward Triq Palma is-Sindku nforma li l-mera kienet weħlet kif mitlub filwaqt li konna rcivejna talba sabiex issir *Zebra Crossing* fl-inħawi. Kien hemm qbil li napplikaw ma' TM.

07.03.14 Rigward l-attività *Pump It* li ser issir fid-9 ta' Novembru, kien hemm qbil li ghandna niccekkjaw jekk hemmx bzonn li ssir insurance għall-okkażjoni u li jekk hemm il-bżonn, din l-*insurance* għandha ssir. Is-Sindku nforma li l-fustuni tal-Pjazza kienu ser jinxtelgħu għal din l-okkażjoni kif ukoll fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' Kristu Re.

07.03.15 Is-Sindku nforma li konna tkellimna mal-organizzatur tal-Kunċert tal-Orgni fis-7 ta' Diċembru u kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa fl-organizzazzjoni ta' dan il-Kunċert. Kien hemm qbil li l-45 biljett li ser jingħata l-Kunsill għal dan l-avveniment jinbiegħu għall-prezz issussidjat ta' € 15 li ser imorru għall-Fond għall-Kawżi Ġusti.

07.03.16 Rigward Ġnien Tony Bezzina s-Sindku spjega li x-xogħol kien wieqaf sakemm jiġu riżolti xi *issues* li kien hemm dwar xogħlijiet li ma kienux fil-kuntratt oriġinali. Huwa ssuġġerixxa li għandna nkellmu lill-*Infrastructure Malta* sabiex dak ix-xogħol li ma kienx parti mill-kuntratt oriġinali isir minnhom u b'hekk il-Kunsill ma jkunx ser jonfoq iktar mill-ammont tat-*tender* approvat. Dwar dan kien hemm qbil.

07.03.17 Is-Sindku talab lill-Kunsillier sabiex jelenkaw is-suġġerimenti tagħhom sabiex eventwalment jiġu nklużi fil-Pjan ta' Ħidma għall-5 snin li ġejjin u l-Kunsillieri ipproponew li ġej :

*Kunsillier Caruana – Ground 5-a-Side* / Kumitat Festi 2026 / Monument De Paule

*Kunsilliera Piccinino –* Parkeġġ għar-residenti li jinkludi numru ta' tabelli/sinjali

*Kunsilliera Agius Attard –* Mappa dwar postijiet storiċi fir-raħal / *Heritage Trail* / *Spikes* għal-kontra l-ħamiem / *Multisensory Room*

*Kunsillier Camilleri –* BCRS fl-inħawi ta' Lourdes

*Kunsillier Lynch –* Attivitajiet Sportivi / *Town of Sports 2026* / CCTV li jaħdem bl-IA / *Parking Sensors* / Informazzjoni fuq postijiet storiċi permezz ta' *QR Codes*

## 07.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

07.04.01 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar l-applikazzjoni tagħna għal *Town of Sports 2026* u s-SE informa li konna rċivejna talba sabiex inħallsu s-somma ta' € 1,000 kif ukoll sabiex nindikaw l-aħjar żmien sabiex issir iż-żjara min naħa tagħhom sabiex jaraw il-faċilitajiet sportivi. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas l-ammont mitlub u li għadna niċċekkjaw mas-Sur Vella dwar iż-żjara f'Malta.

07.04.02 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar ilma tal-bjut li qed jispiċċa fid-drenaġġ fi Triq is-Sultana u li qed ikun ta' nkonvenjent. Il-Kunsillier Caruana ser jipprovdi iktar dettalji sabiex naraw kif tista' tissolva din il-problema.

07.04.03 Il-Kunsillier Caruana staqsa jistax jitranġa l-ħajt li jdawwar Pace Grasso peress li parti minnu qed jisbozza l-barra. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Caruana jipprovdi ritratti sabiex ninfurmaw lill-awtoritajiet konċernati sabiex jieħu azzjoni fuq dan il-ħajt.

07.04.04 Il-Kunsillier Caruana nforma li bejjiegħa tas-Suq kienu lmentaw dwar il-fatt li ma hemmx tabella fi x'ħin jarmaw fuq il-*hexagon markings*. Kien hemm qbil li ssir tabella li tindika l-ħinijiet.

07.04.05 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar lil min jappartjeni Ġnien il-Mediterran. Is-SE informa li għandu bil-miktub li l-art hija mikrija għand l-MCAST. Ġie deċiż li ssir laqgħa

07.04.06 Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk hux veru li fejn ikun hemm bandiera ta' Malta jrid ikun hemm bandiera tal-UE. Is-SE wieġeb li ser jipprova jiċċekkja fuq dan.

07.04.07 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta l-ewwel biċċa ta' Triq l-Arkata ser issir *One Way* u s-SE informa li konna qed nistennew mingħand Transport Malta (TM).

07.04.08 Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ħa jitranġa l-*inspection chamber* li hemm fil-Pjazza u li qed iċċekċek u s-SE informa li kien ser jiċċekkja mal-ħaddiema għaliex kien għadu ma sarx.

07.04.09 Il-Kunsillier Caruana staqsa kif konna ser nibqgħu fuq ix-xelter ta' Triq Santa Monika. Kien hemm qbil li rridu niċċekkjaw jekk il-Kunsill jistax jieħu d-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter kif ukoll kemm huwa l-ħlas dovut.

07.04.10 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet dwar l-akkumulazzjoni ta' skart għax f'ċerti postijiet dan għadu jsir. Ġie deċiż li nerġgħu ninsistu mar-Reġjun sabiex dan ma jibqax isir.

07.04.11 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk il-Kunsill hux irreġistrat sabiex jekk ikun hemm opportunita' ta' taħriġ għall-Kunsillieri, dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw. Kien hemm qbil li jekk hemm bżonn li l-Kunsill jirreġistra, dan għandu jsir.

07.04.12 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk huwiex lok li fil-ġonna jiġi pprojbit il-konsum ta' xorb alkoħoliku. Kien hemm qbil li din l-*issue* għandha tiġi diskussa mal-Pulizija sabiex jekk ikun hemm bżonn, issir *Bye-Laws*.

07.04.13 Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li kellha nformazzjoni li fejn il-ħanut tal-pastizzi hemm xi *switch* sabiex jinxtegħlu l-globi li hemm mal-ħajt tal-ħabs.

07.04.14 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk persuna taħsel il-bankina *b'detergent* tkunx suġġett li taqla ċitazzjoni. Is-SE informa li sa fejn jaf hu, jekk jinżel ilma maħmuġ jew bis-sapun quddiem residenza oħra tkun suġġett għal-ċitazzjoni. Ġie deċiż li niċċekkjaw iktar fid-dettal dwar dan.

07.04.15 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk il-*culvert* fi Triq Zabbar faċċata ta' Triq Lampuka kienx tnaddaf. Is-SE informa li l-kuntrattur kien infurmaħ li dan kien tnaddaf għal darba darbtejn però kien hemm qbil li nippruvaw li dan il-*culvert* jitnaddaf permezz ta' *bowser*.

07.04.16 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-bieb li kien infetaħ fil-*Green Corridor*. Is-SE informa li sa issa ma kienx hemm applikazzjoni iżda l-Perit huwa avżat biex jekk issir xi applikazzjoni dan għandu joġġezzjona immedjatament. Ġie deċiż li nerġgħu inkellmu lil Perit dwar dan.

07.04.17 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet għaliex ma kienux saru sinjali li juru li persuni ma jistgħux jidħlu fi Ġnien Tony Bezzina. Is-SE informa li l-kuntrattur kien informah li l-uffiċċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà kien informah li t-tabelli li għandu jkun hemm skont il-liġi kienu hemm. Il-Kunsilliera Piccinino insistiet li jkun hemm tabelli ċari li jindikaw li ħadd ma jista' jidħol u mhux li huwa sit ta' kostruzzjoni biss u s-SE informa li filwaqt li t-tabelli jistgħu isiru, wieħed irid jara jistgħux jiġu infurzati. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss għada waqt il-laqgħa mal-Pulizija.

07.04.18 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet dwar it-*time board* li hemm fi Vjal Kristu Re li ilu ma jaħdem għal diversi xhur. Is-SE informa li kien ser jibgħat *reminder* lil-Transport Malta.

07.04.19 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet meta ser jitkomplew ix-xogħlijiet fuq iż-żebra *crossings* fi Triq Ħal Luqa / Triq Tarxien. Is-SE informa li kien ser jipprova jġib dettalji mingħand il-perit inkarigat mix-xogħlijiet.

07.04.20 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jistgħux jiġu nstallati CCTV fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jevalwa din it-talba.

07.04.21 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet kienx hemm żviluppi rigward *Portable AEDs* fil-lokalita'. Ġie deċiż li għandha tinxtara waħda u teħel mal-binja tal-Kunsill wara li jiġu nstallati s-CCTV u oħra n-naħa ta' Lourdes. Is-SE għandu jġib il-kwotazzjonijiet.

07.04.22 Il-Kunsilliera Agius Attard talbet sabiex isiru *directional signs* li jindikaw il-Hypogeum. Dwar dan kien hemm qbil.

07.04.23 Il-Kunsilliera Agius Attard talbet li jsir *Bus Stop* fi Pjazza Antoine de Paule ħdejn il-kumpless *Main Street* fid-direzzjoni lejn il-Belt. Is-Sindku nforma li dan mhux possibbli.

07.04.24 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk id-*Dog Bin* li hemm mal-ħajt tal-iskola jistax jiċċaqlaq. Is-Sindku nforma li t-talba għal dan il-bin kienet saret mill-iskola stess. Kien hemm qbil li għandna naraw li almenu dan jitbattal aktar spiss.

07.04.25 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jistgħux jiġu identifikati xi postijiet li jinxtegħlu f'okkażjonijiet speċjali. Kien hemm qbil li s-sit huwa l-Kunsill.

07.04.26 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet huwiex possibbli li t-*traffic lights* li hemm f' Telgħa Raħal Ġdid jitressqu iktar l-isfel. Issemma wkoll il-bżonn li ssir *zebra crossing* ħdejn Sare. Ġie deċiż li nikkonsultaw ma' *Transport Malta*.

***Is-SE informa li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u li għalhekk kien hemm bżonn il-qbil ta' dawk preżenti biex il-laqgħa tkun tista' tkompli. Peress li kien hemm qbil unanimu, l-laqgħa kompliet.***

07.04.27 Il-Kunsilliera Agius Attard ilmentat dwar vetturi li qed jipparkjaw bl-addoċċ fejn *Corradino Flats*. Ġie deċiż li dan is-suġġett jiġi diskuss mal-Pulizija għada.

07.04.28 Il-Kunsillier Camilleri staqsa huwiex possibbli li jsiru *Sleeping Policeman* fi Triq il-Foss in-naħa t'isfel. Is-Sindku nforma li l-problema hija li wara li jsiru dawn is-*Sleeping Policeman* qed jispiċċaw li jinqalghu fuq talba tal-istess nies li jkunu talbuha. Il-Kunsillier Camilleri ser jerġa jkellem lil min talabha sabiex ikun ċert li jekk issir, mhux ser inqala.

07.04.29 Il-Kunsillier Lynch staqsa kif konna bqajna dwar l-installazzjoni ta' *gates* taħt is-Suq. Is-SE informa li konna għadna qed insegwu mad-Dipt. tal-Artijiet dwar dan.

07.04.30 Il-Kunsillier Lynch staqsa kif konna bqajna dwar l-użu tal-*gym* u l-librerija tal-MCAST. Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li kienet ser titlob laqgħa ta' kortesija lill-Prinċipal il-ġdid tal-MCAST u dan is-suġġett għandu jiġi diskuss waqt din il-laqgħa.

07.04.31 Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar l-arblu tad-dawl li ntlaqat fil-Pjazza. Is-Sindku nforma li dwar dak l-inċident kien sar rapport mal-Pulizija u ser insegwu magħhom dwar kif ser nipproċedu.

**07.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

07.05.01 Korrispondenza dwar talba mill-operatur tal-krematorju. Kien hemm qbil li tiġi deċiża d-data meta ssir din il-laqgħa fil-ġranet li ġejjin.

07.05.02 Korrispondenza mingħand persuna sabiex tarma *Candy Floss machine* fi Ġnien Pawlu Boffa. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

**07.06 Rapporti**

07.06.01 Is-SE informa li ma kienx hemm rapporti.

**07.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/07**

07.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata unanimament. Ġie approvat ukoll kont mingħand il-Perit tal-Kunsill li ammonta għal €6,125.42 li kien wasal wara li kienet intbgħatet l-iSkeda tal-Pagamenti

**07.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

07.08.01 Il-laqgħa ntemmet fid-09:25 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 25 ta' Novembru 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 25 ta' Novembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |